Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/151

26.1.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/151

tat-23 ta' Jannar 2026

dwar l-istandard armonizzat għall-kabinetti ta' refriġerazzjoni rapida abbozzat b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2015/1095

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istati Membri għandhom iqisu prodott li għalih ikunu ġew applikati standards armonizzati, u li jkollu n-numri ta' referenza tiegħu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, bħala konformi mar-rekwiżiti rilevanti kollha tal-miżura implimentattiva applikabbli li magħha huma relatati dawn l-istandards. L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1095 ([3]) u l-Anness II tiegħu jistabbilixxu r-rekwiżiti rilevanti għall-kabinetti ta' refriġerazzjoni rapida.

(2) Bl-ittra emendatorja Nru 1 għat-talba M/495 tat-2 ta' Ottubru 2013 ("it-talba"), il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni għall-abbozzar ta' standards armonizzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2015/1095.

(3) Abbażi tat-talba, is-CEN irreveda l-istandard EN ISO 22042:2021 li rriżulta fl-adozzjoni tal-emenda ENISO 22042:2021/A1:2024 dwar il-kabinetti ta' refriġerazzjoni rapida u l-kabinetti ta' friża għall-użu professjonali.

(4) Flimkien mas-CEN, il-Kummissjoni vvalutat jekk l-istandard armonizzat EN 22042:2021 kif emendat bl-istandard EN ISO 22042:2021/A1:2024 jikkonformax mat-talba.

(5) L-istandard armonizzat EN ISO 22042:2021 kif emendat minn EN ISO 22042:2021/A1:2024 jissodisfa r-rekwiżiti li għandu l-għan li jkopri u li huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/1095. Għalhekk, jixraq li r-referenza ta' dak l-istandard tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' dan l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha,

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.

([2]) Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/125/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1095 tal-5 ta' Mejju 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-kabinetti għall-ħżin refriġirat professjonali, kabinetti ta' refriġerazzjoni rapida, unitajiet ta' kondensazzjoni u chillers tal-proċess (ĠU L 177, 8.7.2015, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1095/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għall-kabinetti ta' refriġerazzjoni rapida, abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2015/1095 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN ISO 22042:2021 Kabinetti ta' refriġerazzjoni rapida u kabinetti ta' friża għall-użu professjonali – Klassifikazzjoni, rekwiżiti u kundizzjonijiet tat-test (ISO 22042:2021) EN ISO 22042:2021/A1:2024